TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 140/18/F

**Paul Zahra**

**vs**

**Roc-A-Go Crane Services Ltd.**

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti l-prezz ta' magna li mar jixtri mingħand is-soċjeta' ntimata u ngħatalu waħda ħażina.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tal-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu bżonn *cylinder head* tal-Fiat Uno u mar għand is-soċjeta' ntimata sabiex jixtri din il-magna, u ħalla d-depożitu, u meta mar jiġbor din il-magna, mar għand il-mekkanik fejn ġie nfurmat li din il-magna kienet ħażina u għalhekk is-soċjeta' ntimata tagħtu *credit note*.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi hija aċċettat li ħadet żball u għalhekk tagħtu *credit note*.

Il-*credit note* baqgħet għand ir-rikorrenti pero' qatt ma użha u qed jitlob il-flus lura.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li verament sar żball, u li r-rikorrenti ma ħax dak li xtara pero' aċċetta l-*credit note* meta kien il-ħin f'waqtu, u li issa wara li għadda ż-żmien ma jistax ibiddel id-deċiżjoni, u ma jaċċettax dik il-*credit note*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata terġa' tinħariġlu *credit note* u li tkun valida għal sitt xhur mil-lum jekk l-antika skadiet, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888